MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1641/2003

**Elmo Insurance Agency Limited, bhala rapprezentanti tas-socjeta` estera Royal & Sun Alliance Insurance plc**

**vs**

**Marthese Cutajar**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Awissu, 2003 fejn intalab il-hlas ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) dovuta minnu bhala "policy excess" skond kuntratt ta' assikurazzjoni bejn il-kontendenti wara li mas-socjeta` attrici noe kienet registrata "claim" bin-numru 01B962(12) fil-kwalita` taghha ta' assikuratur tal-vettura Nru.CAQ-772 propjeta` tal-konvenuta li kienet involuta f'incident stradali li gara l-Marsa fl-20 ta' Dicembru, 2001;**

**Oltre s-sorte, l-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali (b'notifika wahda) tat-2 ta' Lulju, 2003, u bl-imghax legali b'effett mit-2 ta' Lulju, 2003 sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Joseph zammit McKeon ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal qed jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamsa u ghoxrin liri Maltija (Lm25.00) bl-imghax legali mit-2 ta' Lulju, 2003 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali (b'notifika wahda) tat-2 ta' Lulju, 2003, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------